**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imhallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 957/2021DC**

***Repubbliika***
***vs***
***L-Avukat Ġenerali***

Illum, 13 ta' Ġunju 2023

**Il-Qorti**

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-8 ta' Novembru 2022[1] meta:

- L-avukati tal-partijiet qablu li *għalissa l-provi ha jinstemgħu bil-magħluq u li l-avukati u l-partijiet li ha jkunu preżenti waqt is-seduta ma jistgħux jiżvelaw dak li jkun qed jintqal. Il-verbali u l-provi kollha li ħa jinġabru mil-lum 'l quddiem għalissa m'għandhomx ikunu pubbliċi. Barra minhekk l-atti tal-kawża għamdhom jibqgħu fis-sigrieta b'aċċess biss lill-partijiet u lill-avukati tagħhom.*
- L-Avukati tal-konvenuta ntrabtu li jippruvaw igiebu prova dwar deċizjoni mgħotija mit-Tribunal arbitrali taħt l-ICSID Convention. u
- Il-Qorti irriżervat li tagħti degriet jekk dawn il-proċeduri għandhomx jibqgħu bil-magħluq jew le.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Marzu 2023[2] l-konvenuta preżentat nota bid-dokument li hija kienet obbligat ruħha li tippreżenta u li a bażi tiegħu kienet qed tinsisti li l-proċeduri għandhom jitkomplew bil-magħluq.

Rat li waqt dik l-istess udjenza l-għaqda attriċi kienet tal-fehma li deċiżjoni ta' tribunal esteru qatt ma tista' timponi fuq il-Qrati lokali u fi kwalunkwe kaz id-

[1] A fol 201.
[2] Verbal a fol 554.

dokument preżentat mill-konvenuta ma kienx jimponi xi obbligu ta' segretezza fir-rigward tal-proċeduri odjerni.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi għandu jiġi rilevat li l-arbitraġġ pendenti quddien l-ICSID isemma' għall-ewwel draba f'dawn il-proċeduri fir-rikorsi preżentati mill-konvenuta u x-xhud l-Ispettur Pauline D'Amato f'l-4 ta' Novembru 2022[3]. Permezz ta' dawk ir-rikorsi kemm il-konvenuta kif ukoll l-Ispettur Pauline D'Amato talbu r-revoka tad-degriet permezz ta' liema huma ġew ordnati jixhdu u l-Ispettur D'Amato giet ordnata ukoll tippreżenta xi dokumenti. Waħda mir-raġunijiet mgħotija in sostenn ta' dawn it-talbiet kienet il-fatt li *preżentement hemm proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali f'l-ICSID kontra Malta li jirrigwardaw dina l-kwistjoni liema proċeduri ta' l-ICSID huma protetti b'kunfidenżjalita assoluta.*

Illi kien fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi li waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru 2022 ġie deċiż li l-kawża titkompla bil-magħluq u l-konvenuta intrabtet li ġġib prova dwar xi deċiżjoni tat-Tribuanl arbitrali taħt l-ICSID.

Illi l-konvenuta għamlet dak li intrabet tagħmel billi f'l-udjenza miżmuma fis-16 ta' Marżu 2023 prezentat ittra tas-segretarju tat-Tribunal arbitrali ta' l-ICSID datata 19 ta' Diċembru 2022.

Illi f'din l-ittra li hija intestata "*Re Alpene Ltd vs Republic of Malta (ICSID Case No ARB/21/36)*" huwa speċifikat li skond ir-regolamenti hemm imsemmija "*the ICSID Secretariat will publish the award and any order or decision in the present case where both parties consent to publication. Otherwise ICSID will publish excerpts of the award pursuant to Arbitration Rule 48(4) and include bibliograhic references to rulings made public by other sources on ICSID's website and in its publications.*"

Ikkunsidrat

Illi minn din l-ittra jidher li qed issir kjarifika dwar kif, u minn min, għandha tingħata publiċita lill-eventwali deċizjoni tat-tribunal (*the award*) f'l-arbitraġġ li għalih qed tirreferi. Din l-ittra pero la hija deċizjoni tat-tribunal ta'l-ICSID u lanqas ma tistax titqies bħala xi deċiżjoni li qed torbot lill-Qrati Maltin dwar kif għandha tirregola s-smiegħ fil-proċeduri odjerni.

---

[3] A fol 182 u 176 rispettivament.

Illi la darba l-ordni mgħoti fit-8 ta' Novembru 2022 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta jidher li kien marbut ma' l-allegat obbligu ta' segretezza impost mit-tribunal fuq imsemmi u la darba ma ngiebet l-ebda prova ta' tali obbligu, ma jidhirx li s-smiegħ tal-kawza bil-magħluq jista' jibqa jiġi ġustifikat.

Għal dawn il-motivil-Qorti qed tirrevoka l-ordni mgħoti fit-8 ta' Novembru 2022 u tordna li l-proceduri jkomplu jinstemgħu bil-miftuħ.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**